MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 308/2012

**EVs Limited (C-49336)**
**vs**
**Dr Yana Micallef Stafrace kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta’ estera Yang Zhou Dawn Import & Export Co. Ltd skont digriet tal-4 t’Ottubru 2012**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuta nomine thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef, tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€10,325.85) rifuzjoni ta’ depozitu mhallas minnha fuq ordni ghax-xiri ta’ tlett vetturi u tmien scooters tal-elettriku, liema ordni gie revokat mis-socjeta’ attrici wara li intom inqastu li tikkonsenjaw il-vetturi u l-iscooters fiz-zmien u kif miftiehem.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Gunju 2012 sad-data tal-pagament effettiv.

Intom ingunti minn issa biex tidhru ghas-subizzjoni

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati nominat (fol 9 tal-istess atti) u li biha bil-qima qalet

Illi l-esponenti m'hiex dedotta mill-fatti u ghalhekk qieghda tirriserva d-dritt li tipprezenta risposta motivata f'kaz u jekk tigi edotta mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta "affidavit" u zewg dokumenti (fol 12 sa fol 15 tal-atti) Joseph Cortis ikkonferma dak kollu premess fir-rikors promotur.

Illi, daparti, tal-konvenuta nomine, is-sitwazzjoni jidher li baqghet l-istess bhal meta giet pprezentata l-imsemmija risposta a fol 9 ibid. Illi, ghalhekk, jkun opportun li dan il-kaz jigi deciz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta fil-kwalita' taghha premessa sabiex thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€10,325.85) bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Gunju 2012 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tas-17 ta' Settembru 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------